# Ir-Rikonoxximent ta' Alla – iċ-Ċavetta għall-Paċi



AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA

# Ir-Rikonoxximent ta' Alla – iċ-Ċavetta għall-Paċi

**Ħażrat Mirża Masroor Aħmad**[aba]
Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as],
Il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**RECOGNISING GOD – THE KEY TO UNLOCKING PEACE**
**In Maltese Language**

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2023)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**M:** +356-79655255 - **T**: +356-21655255
**Email: amjmalta@gmail.com**

**www.ahmadiyyamalta.org**
**www.ahmadiyya.mt**

ISBN: 978-99957-59-34-6
Il-Qoxra: Sergey Nivens | Shutterstock

# Introduzzjoni

Il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Ahmadiyya Musulmana. Huwa l-Ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fit-22 t'April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'213-il pajjiż.

Fi żminijiet kontemporanji, bid-dinja riesqa b'mod veloċi lejn gwerra globali katastrofika u bil-kunflitt bejn l-Ukranja u r-Russja bla sinjal li jbatti, anzi bil-possibbiltà li jisplodi f'kunflitt akbar, kull soluzzjoni attwali tidher li mhu se twassal lejn imkien. L-idea ta' gwerra nukleari devastanti qed tissemma spiss bħalissa bħala possibbiltà. Hija meħtieġa soluzzjoni differenti li tbiegħed is-sħab ta' qerda li qed jinġema' malajr u tiġi stabbilita l-paċi dejjiema.

Fl-4 ta' Marzu 2023, il-Qdusija Tiegħu, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], ippreżenta l-indirizz ewlieni fis-17-il Simpożju Nazzjonali għall-Paċi organizzat mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana tal-Gran Brittanja. L-attività serviet ukoll bħala l-inawgurazzjoni ta' bini ġdid ta' ħames sulari fil-Moskea Baitul Futuh, li reġa' nbena wara n-nirien tal-2015. Għall-attività attendew aktar minn 1500 ruħ, fosthom 500 dinjitarju u mistieden li ġew minn 40 pajjiż, li kienu jinkludu Ministri, Ambaxxaturi tal-Istat u Membri tal-Parlament.

Hawn taħt nippreżentaw it-traduzzjoni bil-Malti tal-indirizz prinċipali tal-Qdusija Tiegħu f'din l-okkażjoni importanti ħafna.

**Imam Laiq Ahmed Atif**
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

# Ir-Rikonoxximent ta' Alla –
# iċ-Ċavetta għall-Paċi

Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Kap Dinji tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as], qal:

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Mistiedna distinti kollha, *Assalamu Alaikum wa Rahmatullahe wa Barakatuhu* – il-paċi u l-barkiet ta' Alla ikunu kollha fuqkom.

L-ewwel nett, nixtieq nuri l-gratitudni sinċiera tiegħi lejn il-mistiedna kollha tagħna li ġew jiltaqgħu magħna llejla. Minħabba l-pandemija tal-COVID, ma stajniex norganizzaw attività bħal din f'dawn l-aħħar snin. Apparti dan issa, inħossuna kuntenti immens illum li, wara waqfa ta' erba' snin, stajna nistednukom kollha, ħbieb antiki u ħbieb ġodda flimkien, għal attività oħra. Dan l-avveniment qed isir biex jinawgura r-rikostruzzjoni tal-blokk amministrattiv tal-kumpless tal-Moskea Baitul

**HUWA DIKJARAT FIL-KORAN IMQADDES LI JEKK PERSUNA MA TAQDIX ID-DRITTIJIET TAL-ĦOLQIEN TA' ALLA, IT-TALB U L-QIMA TAGĦHA MA JIĠUX AĊĊETTATI.**

Futuh, u barra l-inawgurazzjoni, qed norganizzaw is-Simpożju Nazzjonali tal-Paċi tagħna. Għaldaqstant, se nipprova nsemmi fil-qosor l-għanijiet ta' moskea u wkoll se naqsam magħkom il-ħsibijiet tiegħi dwar l-istat kurrenti tad-dinja u kif jinkisbu l-paċi u s-sigurtà globali.

## Il-Valuri Ewlenin ta' Musulman Devot

Skont ma nemmen jien, mhuwiex possibbli li nissodisfaw id-drittijiet ta' Alla Omnipotenti jew niksbu l-qrubija Tiegħu mingħajr ma nieħdu ħsieb id-drittijiet tal-proxxmu kollu tagħna u tal-ħolqien kollu ta' Alla. Il-Musulmani devoti, għaldaqstant, jgħixu ħajjithom fil-paċi u jfittxu li jxerrdu s-sliem, it-tolleranza u l-fehim reċiproku fis-soċjetà. **Tabilħaqq, il-Musulmani Aħmadin jemmnu li l-fundatur tal-komunità tagħna ntbagħat minn Alla Omnipotenti biex jiġbed l-attenzjoni tal-umanità lejn dawn il-prinċipji bażiċi fundamentali tal-Iżlam li huma l-għoti tad-drittijiet tal-qima ta' Alla Omnipotenti, l-għoti tad-drittijiet tal-bnedmin u l-ħidma tat-tixrid tal-paċi u l-armonija fid-dinja kollha**. Huwa ħallielna legat ta' paċi billi għamilha ċara li hemm korrelazzjoni diretta bejn il-qima ta' Alla Omnipotenti u l-għoti tad-drittijiet tal-bniedem.

Din hija xi ħaġa li rridu nżommu f'moħħna hekk kif aħna qed ninġabru f'dan il-bini li jinsab biswit il-moskea ewlenija, u għalhekk tifforma parti mill-kumpless tal-moskea. Il-moskej jinbnew għall-adorazzjoni ta' Alla Omnipotenti, u **huwa dikjarat fil-Koran imqaddes li jekk persuna ma taqdix id-drittijiet tal-ħolqien ta' Alla, it-talb u l-qima tagħha ma jiġux aċċettati.**

Tabilħaqq, il-Koran jafferma li l-qima ta' dawk li jonqsu li jagħtu kas tad-drittijiet ta' ħaddieħor tkun il-mezz tal-waqgħa u l-umiljazzjoni tagħhom aktarx milli l-mezz tas-salvazzjoni tagħhom.

## Il-Moskej – id-Dħul fi Stat ta' Paċi

Aktar minn hekk, huwa essenzjali li wieħed jinnota li l-Musulmani huma ordnati li jibnu moskea fid-direzzjoni tal-Ka'bah Qaddisa, id-dar sagra ta' Mekka, u li jqimu f'dik id-direzzjoni. Madanakollu, mhuwiex biżżejjed li wieħed idur fiżikament lejn id-direzzjoni tal-Ka'bah Qaddisa, iżda l-Musulmani u l-moskej tagħhom iridu jissodisfaw l-għanijiet tal-Ka'bah, imniżżlin f'kapitlu 3, vers 98 tal-Koran Imqaddes, fejn hemm miktub li kull min jidħol fid-dar sagra ta' Alla jsib il-paċi. Dan il-vers Koraniku jfisser li Musulman devot, kif jidħol f'moskea, se jidħol fi stat ta' paċi u, billi jobdi d-drittijiet u l-kmandamenti ta' Alla, isir ispirazzjoni ta' sliem u sigurtà għall-oħrajn. Il-moskej kollha tagħna jirriflettu spiritwalment il-Ka'bah Qaddisa, fejn ma jservux biss bħala lok għall-qima ta' Alla Omnipotenti, iżda huma mezz ukoll tal-għoti tad-drittijiet tal-bniedem u t-twaqqif tal-paċi fid-dinja.

Bħala Musulmani, aħna nitolbu ħames darbiet kuljum, u f'kull talba, huwa obbligatorju għalina li ngħidu bl-amment l-ewwel kapitlu tal-Koran Imqaddes.

**Fit-tieni vers, Alla Omnipotenti jipproklama li Huwa s-Sid tad-Dinjiet kollha u tan-nies kollha. Huwa mhux biss jipprovdi u jsostni lill-Musulmani, iżda Huwa jipprovdi u jsostni lill-Insara, lil-Lhud, lill-**

**Ħindu, lix-Xiki, u fil-fatt, lin-nies tar-reliġjonijiet u t-twemminiet kollha. Huwa jagħtihom il-ħajja, u jaqdi l-ħtiġijiet bażiċi tagħhom bis-saħħa tal-grazzja u l-kompassjoni Tiegħu.**

B'riżultat ta' dan, mill-bidu nett tal-Koran Imqaddes, il-Musulmani huma mgħallma li prinċipju fundamentali tat-tagħlim Iżlamiku huwa li Musulman devot qatt ma jista' jaħqar lin-nies ta' twemminiet u reliġjonijiet oħra, jew jurihom xi forma ta' mibegħda jew jitkellem ħażin fuqhom b'ebda mod, għaliex aħna lkoll kreazzjoni ta' Alla Omnipotenti.

Tabilħaqq, hija konvinzjoni tagħna u b'hekk aħna ngħallmu li Alla Omnipotenti jaqdi l-bżonnijiet ta' dawk li ma japprezzawx il-grazzja Tiegħu u li jiċħdu l-eżistenza proprja Tiegħu. Mhux biss Huwa jipprovdi għalihom, iżda jikkonċedilhom il-frott tal-ħidma tagħhom. Dan huwa l-kunċett ta' Alla Kollu Ħniena li fiH aħna nemmnu.

Bla dubju, dawk li jemmnu f'Alla daqshekk Ġentili qatt ma jistgħu jisfruttaw il-paċi u l-benesseri ta' ħaddieħor. Għalhekk, huwa bit-tama li niksbu l-qrubija u l-imħabba ta' Alla Benevolenti u Għażiż li l-Komunità Ahmadiyya Musulmana tħabrek biex tkattar il-paċi u l-armonija fid-dinja kollha.

Minn mindu l-Komunità tagħna twaqqfet fl-aħħar tas-seklu 19, barra li nistiednu lin-nies biex jersqu lejn Alla Omnipotenti, aħna bqajna nipprattikaw u nippritkaw il-messaġġ ta' fehim u tolleranza reċiproka u fittixna li nwaqqfu l-paċi vera fid-dinja.

ALLA HUWA S-SID
TAD-DINJIET KOLLHA
U TAN-NIES KOLLHA.
HUWA MHUX BISS
JIPPROVDI U JSOSTNI
LILL-MUSULMANI,
IŻDA HUWA JIPPROVDI
U JSOSTNI LILL-INSARA,
LIL-LHUD, LILL-ĦINDU,
LIX-XIKI, U FIL-FATT,
LIN-NIES TAR-RELIĠJONIJIET
U T-TWEMMINIET KOLLHA.

## Il-Paċi – Ċavetta tad-Deheb

Kif semmejt qabel, fiż-żmien ta' qabel il-pandemija, aħna konna norganizzaw is-Simpożju Nazzjonali tal-Paċi kull sena, u aħna grati li reġa' għandna din l-opportunità li nkomplu b'dan l-avveniment bi sforz biex inkattru l-paċi fid-dinja. Barra minn hekk, intellgħu konferenzi u attivitajiet simili fid-dinja kollha, u nippruvaw inressqu ħafna nies lejn xulxin, minkejja l-kast, it-twemmin jew il-kulur tagħhom, **taħt l-umbrella tal-umanità u nippruvaw insibu soluzzjonijiet għall-problemi li hawn fid-dinja**. Il-motivazzjoni tagħna hija li jkun hawn paċi ġenwina u dejjiema ħalli l-bniedem isalva lilu nnifsu mill-qerda tiegħu stess. L-għan tagħna huwa li nkattru l-għarfien li d-dinja tinsab f'xifer diżastru u li nħeġġu lill-bniedem jieħu pass lura u jikkunsidra r-responsabbiltajiet tiegħu, mhux biss għan-nies tal-lum, iżda wkoll għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Aħna norganizzaw dawn l-avvenimenti ħalli nkunu nistgħu nxandru l-konvinzjoni soda tagħna li fil-paċi biss tinsab is-salvazzjoni tad-dinja. **Il-paċi hija ċ-ċavetta tad-deheb li tiftaħ il-bieb għall-progress u l-iżvilupp fis-soċjetà u tassigura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jiffjorixxu u jimxu 'l quddiem.** Għalkemm ilna nwasslu dan il-messaġġ għal ħafna żmien, jidher li waqa' fuq widnejn torox. Jiena nemmen li r-raġuni ewlenija hija li l-maġġoranza assoluta tbiegħdet minn Alla Omnipotenti u tikkonsidra l-akkwisti materjalistiċi bħala l-għan aħħari tagħha. Huwa minħabba dawn ix-xewqat frivoli li l-umanità daħlet f'żewġ gwerer diżastrużi u tal-biża' fis-seklu għoxrin. Minflok ma tgħallmet mill-orruri

**IL-PAĊI HIJA Ċ-ĊAVETTA**
**TAD-DEHEB LI TIFTAĦ**
**IL-BIEB GĦALL-PROGRESS**
**U L-IŻVILUPP FIS-SOĊJETÀ**
**U TASSIGURA LI**
**L-ĠENERAZZJONIJIET FUTURI**
**JKUNU JISTGĦU JIFFJORIXXU**
**U JIMXU ’L QUDDIEM.**

**SKONT IT-TAGĦLIM IŻLAMIKU,**
**IL-PERMESS GĦALL-GWERRA**
**JINGĦATA BISS F’ĊIRKOSTANZI**
**ESTREMI BĦALA MIŻURA**
**TA’ DIFIŻA.**

tal-imgħoddi, id-dinja għal darba oħra tinsab mifnija bil-gwerer u l-kunflitti.

F'dan l-istadju, nixtieq nikkjarifika li jiena ma nemminx li t-tort huwa esklussivament tal-Musulmani jew ta' dawk li mhumiex, u lanqas qed ngħid li l-krudeltajiet jew l-inġustizzji jitwettqu minn xi grupp jew nazzjon wieħed. Kull Musulman jew dawn li jissejħu gruppi Iżlamiċi li jużaw il-moħqrija jew iwettqu atti barbari jkunu qed imorru kontra t-tagħlim reliġjuż tagħhom u ħaqqhom li jkunu kkundannati bl-aqwa mod. **Skont it-tagħlim Iżlamiku, il-permess għall-gwerra jingħata biss f'ċirkostanzi estremi bħala miżura ta' difiża kontra l-isforzi biex jinqerdu l-istituzzjonijiet tar-reliġjon u l-libertà għat-twemmin permezz tal-ġlied.** L-Iżlam qatt ma ppermetta, u mhux se jippermetti, ġlied aggressiv biex tinkiseb aktar art jew biex jiġu sodisfatti ambizzjonijiet ġeopolitiċi.

## Metodi prattiċi għar-Rikonċiljazzjoni fi Żminijiet ta' Gwerra

Barra minn hekk, il-Koran Imqaddes enfasizza li għandu jsir kull sforz possibbli biex tintlaħaq il-paċi anki jekk ma jkunx hemm ħafna tama ta' suċċess. F'kapitlu 49, vers 10, Alla Omnipotenti jiddikjara li meta jkun hemm żewġ nazzjonijiet fi gwerra, nazzjonijiet oħra għandhom iħabirku biex iressquhom lejn xulxin u jwassluhom għal ftehim ta' paċi. Jekk l-aggressur jibqa' jinsisti fuq il-gwerra, il-pajjiżi l-oħra għandhom jiddeċiedu jekk jingħaqdux flimkien u jużaw il-forzi leġittimi

biex iwaqqfu l-oppressur. Madanakollu, kif jieqfu l-ħruxijiet, ma jridx ikun hemm retribuzzjoni inġusta jew vendikazzjoni. Dwar dan il-prinċipju, kapitlu 5, vers 9 tal-Koran Imqaddes jafferma b'mod kategoriku li inti ma tridx tħalli r-rivalità ta' nazzjon jew grupp twaqqfek milli żżomm il-livelli għoljin tal-ġustizzja u l-ekwità.

Għal din ir-raġuni, ma jridx ikun hemm sanzjonijiet punittivi jew miżuri oħra inġusti li ma jippermettux pajjiż li jimxi 'l quddiem wara l-gwerra jew li l-libertà jew il-prosperità tiegħu jkunu soppressi. **Ftit jiem ilu mmarkajna l-ewwel anniversarju tal-gwerra fl-Ukranja, u sfortunatament m'hemm l-ebda sinjal ta' kif jew meta se tintemm il-gwerra**. Minkejja dan, dan ma waqqafx lil ċerti mexxejja politiċi biex jiddikjaraw li hekk kif tieqaf il-gwerra, ir-Russja għandha tkun soġġetta għal sanzjonijiet ħorox u għandha tpatti ta' għemilha.

Ftit ilu, kien hemm artiklu miktub mill-ġurnalist Matthew Parris li ġie ppubblikat fit-*Times* fejn stqarr li ċerti dikjarazzjonijiet li jsiru ferm qabel it-taħditiet ġenwini għall-paċi mhumiex għaqlin u jservu biss biex ikomplu jgħarrqu sitwazzjoni delikata u jnaqqsu ċ-ċansijiet għal ftehim ta' paċi. L-artikolista kiteb li l-mexxejja politiċi għandhom imorru oltre milli jfittxu rikonoxximent qasir fil-midja u jirrealizzaw, kif qegħedha hu, li l-kliem magħdud issa jista' jitfa' dellijiet twal fuq sitwazzjoni futura li s'issa aħna m'għandniex idea ta' x'inhi. Huwa jikteb li issa mhuwiex il-waqt li nitkellmu fuq ħlas ta'danni min-naħa tar-Russja jew li jissejħu tribunali tal-krimini tal-gwerra fuq l-istil ta' Nurimberga. Jiena nemmen li għandu raġun li ta din it-twissija. X'inċentiv se jkollha

r-Russja u l-mexxejja tagħha biex iwaqqfu l-atroċitajiet jekk ikunu jafu li l-irtirar tagħhom se jwassal għar-rovina tagħhom?

**Kif diġà għedt, it-tagħlim Iżlamiku jħeġġeġ biex isir kull sforz possibbli ħalli tinstab soluzzjoni paċifika għal kunflitt. Għal din ir-raġuni, jiena nemmen li huwa essenzjali li nħallu l-mezzi ta' komunikazzjoni miftuħin u li nħabirku biex insibu termini aċċettabbli reċiproċi ta' ftehim.** Jekk, madanakollu, l-aggressur jibqa' determinat li joħloq il-miżerja u l-qerda u jirrifjuta li jirtira, l-Iżlam jgħallem li nazzjonijiet oħra għandhom jingħaqdu flimkien u jużaw forzi meqjusin u neċessarji biex iwaqqfu l-krudeltajiet.

L-għan ta' dan il-grupp ta' nazzjonijiet irid jibqa' dejjem li jistabbilixxi l-paċi u mhux li jfittex il-vendikazzjoni jew li jkażbar lill-aggressur, u lanqas ma jkollhom l-intenzjoni moħbija li jħaxxnu bwiethom, jew li jużaw il-kunflitt biex ikattru l-interessi personali tagħhom. Inkella, dawk li jkunu megħluba bla dubju ta' xejn se jġarrbu sens ta' inġustizzja u riżentiment. Dawn il-frustrazzjonijiet eventwalment jiżdiedu u jwasslu għal aktar ġlied, u b'hekk iċ-ċiklu ta' vjolenza jibqa' jdur b'aktar rabja u intensità.

Sfortunatament, bħalma rrimarka l-artikolista, aktar milli jaġixxu b'mod għaqli, ċertu mexxejja u uffiċjali qed jagħmlu dikjarazzjonijiet jew wegħdiet li jservu biss biex jitfgħu l-petrol fuq in-nar. Minflok qed jgħinu biex tieqaf il-gwerra, il-kummenti tagħhom inaqqsu ċ-ċansijiet biex tiġi stabbilita l-paċi għal tul ta' żmien. Fl-istess ħin, konsegwenza perikoluża immens tal-gwerra

**IT-TAGĦLIM IŻLAMIKU JĦEĠĠEĠ BIEX ISIR KULL SFORZ POSSIBBLI ĦALLI TINSTAB SOLUZZJONI PAĊIFIKA GĦAL KUNFLITT. NEMMEN LI HUWA ESSENZJALI LI NĦALLU L-MEZZI TA’ KOMUNIKAZZJONI MIFTUĦIN.**

fl-Ukranja hija s-solidifikazzjoni ta' blokok u alleanzi politiċi kuntrarji, u d-diskors użat fir-relazzjonijiet internazzjonali qed isir dejjem aktar ostili minn kull naħa. Pereżempju, qed jinkiteb ħafna dwar kif ir-Russja u ċ-Ċina qed isaħħu r-rabtiet ta' bejniethom minħabba l-antagoniżmu reċiproku li għandhom lejn il-Punent.

## Inwaqqfu ċ-Ċiklu ta' Tixrid ta' Demm

Il-verità hi li l-gwerra ħafna drabi toħloq aktar kunflitt. Hemm tħassib serju li l-gwerra fl-Ukranja tista' tinfirex, jew li pajjiżi oħra jagħmlu kuraġġ biex jabbandunaw l-isforzi diplomatiċi tagħhom biex isolvu l-problemi u jagħżlu l-vjolenza. Pereżempju, is-sitwazzjoni fit-Taiwan qed issir aktar prekarja hekk kif iċ-Ċina qed tipprova ssaħħaħ il-kontroll tagħha. B'hekk, il-mexxejja tad-dinja, il-midja, u oħrajn m'għandhomx jaqgħu fin-nassa u jaħsbu li l-gwerra fl-Ukranja tista' tiġi kkontrollata malajr.

F'dan ir-rigward, il-ġurnalista Peter Hitchens m'ilux kiteb f'gazzetta nazzjonali dwar id-deċiżjoni ta' għadd ta' pajjiżi mill-Punent li jibagħtu t-tankijiet tal-gwerra tagħhom lill-Ukranja. Huwa kiteb, "Jekk huma (it-tankijiet mogħtija lill-Ukranja) jidħlu f'dak li r-Russja tikkonsidra bħala t-territorju tagħha, mela toqogħdux tistagħġbu b'dak kollu li jista' jiġri." Huwa jkompli, "Hemm il-possibbiltà reali li parti kbira mill-Ewropa tinbidel f'ċimiterju radjuattiv u li r-relazzjonijiet konvenzjonali Amerikani għal dan (li jkunu feroċi u qawwija) jeħduna pass 'il quddiem f'dinja ta' orrur, telfien, ġiri, mard u faqar li dejjem isegwu l-gwerra." Dwar ir-Russja u l-Ukranja, huwa jgħid, "Żewġ pajjiżi jinsabu f'taqbida qalila minħabba li l-interessi profondi, sodi u stabbli tagħhom jinsabu f'kunflitt.

**IL-VERITÀ HI LI L-GWERRA ĦAFNA DRABI TOĦLOQ AKTAR KUNFLITT.**

It-triq għaqlija u deċenti għal kull forza barranija hija li tgħinhom jersqu għal ftehim dejjiemi, bħalma d-dinja għamlet ma' Franza u l-Ġermanja wara l-1945. **Minflok, aħna qed nibagħtu t-tankijiet tal-gwerra. Qisna qed nibagħtu t-taqsima tat-tifi tan-nar iqabbdu n-nirien kullimkien."**

Kummentaturi oħra qed jaslu għal konklużjonijiet simili. Waqt intervista reċenti, l-ekonomista magħruf il-Professur Jeffrey Sachs qal, "Jiena kkuntattjajt il-White House (fl-aħħar tal-2021) u għedtilhom li se tinqala' gwerra jekk l-Amerika ma tibdiex taħditiet diplomatiċi mal-President Putin fuq il-kwistjoni tat-tkabbir tan-NATO. Qaluli li l-Amerika qatt mhu se tagħmel dan. Dik indiskutibbli. Issa għandna gwerra li hija perikoluża ferm. U qed nużaw l-istess tattiċi li ntużaw fl-Asja tal-Lvant li wasslu għall-gwerra fl-Ukranja. Qed norganizzaw l-alleanzi, u nkattru l-armamenti." Huwa jkompli, "Il-gvern Ċiniż qal, 'Jekk jogħġobkom naqqsu t-temperatura, naqqsu t-tensjonijiet.' Aħna ngħidu, 'Le, aħna nagħmlu li rridu,' **u issa ibagħtu aktar armi. Din hija r-riċetta għal gwerra oħra, u għalija dan huwa terribbli."**

B'mod allarmanti, akkademiċi, esperti politiċi, u analisti rispettati qed iwiddbu li qed nersqu lejn perjodu gravi fl-istorja tal-umanità. Pereżempju, is-simboliku Doomsday Clock li huwa kkontrollat minn għadd ta' xjentisti internazzjonali, li jipprevedi l-probabbiltà ta' katastrofi globali magħmula mill-bniedem, kien reċentement imdawwar għal 90 sekonda biss għal nofsillejl, l-aktar darba li qegħdin l-eqreb għal diżastru globali. Ix-xjentisti stqarru li qegħdin ngħixu fi żmien ta' periklu

AĦNA QED NIBAGĦTU
T-TANKIJIET TAL-GWERRA.
QISNA QED NIBAGĦTU
T-TAQSIMA TAT-TIFI
TAN-NAR IQABBDU
N-NIRIEN KULLIMKIEN.

AKTAR ARMI HIJA
R-RIĊETTA GĦAL
GWERRA OĦRA,
U DAN HUWA
TERRIBBLI.

bla preċedent u wissew li hemm riskju kbir ta' gwerra dinjija maħluqa b'inċident, kalkolu ħażin jew saħansitra b'intenzjoni.

Hekk kif aħna qed nirriflettu dwar dawn it-twissijiet tal-biża', il-mistoqsija ewlenija hija kif id-dinja tista' twaqqaf iċ-ċiklu ta' taqbid u tixrid ta' demm li qed naraw illum. Id-dinja għandha esperjenza ta' kif tgħin lill-vittmi u lil dawk li jsofru l-inġustizzja, bħal fil-każ tan-nazzjon Ukren f'dawn iż-żminijiet, madanakollu tistgħu tistagħġbu meta tisimgħu li l-Iżlam jgħallem lill-Musulmani biex mhux biss jgħinu lill-vittmi ta' dawk ippersegwitati imma wkoll lill-aggressur u 'l-oppressur. Bla dubju, dan ma jfissirx li tagħti lill-aggressur aktar libertà biex iwettaq aktar moħqrijiet. Iżda, li tgħin lill-aggressur ifisser li tgħinhom jieqfu milli jwettqu aktar ħruxijiet u inġustizzja.

Minkejja l-inġustizzji mwettqa mill-istat Russu, irridu nżommu f'moħħna l-istampa usa' li jekk il-gwerra ma titwaqqafx, mela din se twassal għal kriżi globali profonda b'riżultati potenzjalment katastrofiċi. Il-blokok opposti jsiru aktar b'saħħithom**. Il-mibegħda tant issib għeruq li żżid il-probabbiltà ta' gwerra dinjija**. Għaldaqstant, hekk kif qed ikomplu jgħinu lill-Ukranja tiddefendi lilha nnifisha, il-qawwiet tad-dinja għandhom ukoll jagħmlu kull sforz possibbli biex iwaqqfu l-gwerra bis-saħħa ta' taħditiet tal-paċi u negozjati sinċiera. Inkella, jiena nibża' li l-gwerra se tixtered 'il barra mill-Ewropa u tersaq lejn il-Lvant lejn l-Asja, u min jaf fejn se tispiċċa.

HUWA L-BIŻÀ SERJU
TIEGĦI LI T-TENSJONIJIET
ĠEOPOLITIĊI TAL-LUM
JIKBRU ŻŻEJJED U FL-
AĦĦAR MILL-AĦĦAR
IWASSLU GĦAL GWERRA
NUKLEARI...
DAWK LI JSALVAW SE
JGĦADDU MINN MIŻERJA
U SOFFERENZI KBAR HEKK
KIF JIPPRUVAW JIĠBRU
L-BIĊĊIET IMFARRKA
TAL-UMANITÀ.

Għal ħafna snin, jiena wissejt dwar ir-riskji ta' gwerra dinjija enormi u tkellimt kif qatt mhu se nkunu nistgħu nifhmu l-konsegwenzi qattiela u distruttivi tagħha. Billi ili ħafna nwissi b'tali gwerra, ma nieħu l-ebda sodisfazzjon bil-fatt li qegħdin dejjem nersqu aktar lejha u li oħrajn issa qed jesprimu sentimenti u biżgħat simili. Pjuttost, inħoss biss niket u diqa ta' qalb hekk kif nosserva lid-dinja tersaq b'pass imgħaġġel lejn gwerra dinjija terribbli li fiha jistgħu jintilfu jew jinqerdu b'mod permanenti miljuni ta' ħajjiet ta' nies innoċenti.

## Inħallu Legat għall-Ġenerazzjonijiet Futuri

Barra minn hekk, x'tip ta' futur se nħallu warajna għal dawk li għad iridu jiġu? Minflok se ngħaddu legat ta' paċi u prosperità lill-ġenerazzjonijiet futuri, ir-rigal li se nħallulhom mhu se jkun xejn ħlief mewt, qerda u miżerja.

Bla dubju, huwa l-biża' serju tiegħi li t-tensjonijiet ġeopolitiċi tal-lum jikbru żżejjed u fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal gwerra nukleari. Irridu naċċettaw il-fatt li, allaħares qatt, jekk tintuża xi arma nukleari, din tolqot lid-dinja b'tant veloċità u qawwa li l-effetti tossiċi tagħha żgur li se jibqgħu jinħassu għal għexieren ta' snin. Mijiet ta' eluf jew saħansitra miljuni żgur li jmutu dak il-ħin jew ftit wara. Dawk li jsalvaw se jgħaddu minn miżerja u sofferenzi kbar hekk kif jippruvaw jiġbru l-biċċiet imfarrka tal-umanità. Dwar l-impatt devastanti fuq il-ġenerazzjonijiet futuri, ħafna u ħafna trabi se jitwieldu b'difetti u diżabbiltajiet ġenetiċi b'riżultat tal-effetti perpetwi tar-radjazzjoni.

Għalhekk, b'qalbi kollha, nitlob li Alla Omnipotenti jkollu ħniena mill-umanità, u li n-nies tad-dinja, speċjalment il-mexxejja u l-amministraturi tagħha, jaraw ftit sens qabel ma jkun tard wisq. Nitlob li minflok iduru għall-armamenti u l-forza militari, jutilizzaw il-fakultajiet u r-riżorsi kollha tagħhom biex ikattru l-paċi u s-sigurtà għall-popli u l-pajjiżi kollha, aktar milli jfittxu li jissodisfaw lilhom infushom u l-kilba tagħhom għall-poter billi jinstigaw il-gwerer. Jalla jagħrfu r-responsabbiltajiet tagħhom biex jipproteġu lill-umanità għall-ġid tan-nies tal-lum u tal-ġenerazzjonijiet futuri tagħna billi jħaddmu politika li ttemm kull forma ta' kunflitt. Jalla jkunu l-protetturi tal-paċi u l-prosperità milli l-aġenti tal-gwerra u t-tixrid tad-demm.

Bħala persuna reliġjuża, jiena nemmen bis-sħiħ li dan jista' jseħħ biss meta l-bniedem iwarrab il-modi egoistiċi u x-xewqat materjalistiċi u jasal biex jagħraf u jqim lil Alla Wieħed u jħabrek biex jissodisfa d-drittijiet Tiegħu u jaġixxi fuq it-tagħlim Tiegħu. Nitlob li Alla Omnipotenti jagħti d-dehen lin-nies u jalla li l-bniedem jilħaq dawk l-għanijiet prinċipali li l-Ħallieq u s-Sid ta'din id-dinja, Alla l-Omnipotenti, jixtieq mingħandna – li naqdu d-drittijiet Tiegħu u dawk tal-kreazzjonijiet Tiegħu. Ammen. B'dan il-kliem, nirringrazzjakom mill-ġdid talli ngħaqadtu magħna llejla. Grazzi ħafna.

# "RECOGNISING GOD – THE KEY TO UNLOCKING PEACE"

This is a Maltese translation of a keynote speech delivered by Hazrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul-Masih V[aba], Head of the Worldwide Ahmadiyya Muslim Community, on 4th March 2023, at the 17th National Peace Symposium hosted by the Ahmadiyya Muslim Community UK. The event was attended by more than 1500 people including 500 dignitaries and guests who had gathered from 40 countries, comprising of Ministers, Ambassadors of State, and Members of Parliament.

**www.ahmadiyyamalta.org**
**www.ahmadiyya.mt**

ISBN 978-99957-5934-6